## Qorti tal-Maġistrati (Malta)
## Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)

Illum, 02 ta' Novembru 2022

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

Vs

**Harikrishna Manhasseri**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront ta' Harikrishna Manhasseri ta' ħamsa u għoxrin (25) sena, iben Kaishnadas u Jyothi Manhasseri nee' Jyothi T., ta' Nazzjonalita' Indjana, mwieled Kerala, Indja fit-tlettax (13) ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija sitta u disgħin (1996), u residenti ġewwa 'Orchidea', Triq George Zammit, Mġarr, Malta u detentur tal-Passaport Indjan bin-numru M6561477, akkużat f'isem ir-Republika ta' Malta:

Talli ġewwa Maritim Antonine Hotel & Spa, Triq George Borg Olivier, Mellieħa, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-gżejjer, nhar id-disgħa u għoxrin (29)

ta’ Ottubru tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) bejn is-sitta (18:00) u s-sebgħa u nofs (19:30) ta’ filgħaxija:

1. Wettaqt att ta' natura sesswali mingħajr kunsens, fuq il-persuna ta' Taliya Stevens, liema att fih innifsu, ma jkunx jikostitwixxi wieħed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli 198 sa 206 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Din l-Onorabbli Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija tikkundana lill-akkużat għall-ħlas ta’ spejjeż li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ l-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-liġijiet ta’ Malta għas-sigurta tal-vittma msemmija kif ukoll għall-familjari tagħha.

Il-Qorti hija mitluba li toħroġ ordni ta’ protezzjoni ai termini tal-artiklu 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f’każ ta’ ħtija ma’ kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużat Harikrishna Manhasseri irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu. Illi fid-dawl ta’ din l-ammissjoni, u bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 392A(1) u l-Artikolu 453(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9, Liġijiet ta’ Malta, il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk irid, jerġa lura minnha. Semgħet lill-akkużat Mohamed Mousbah Ali Zaid jikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkonsidrat:-

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tiegħu, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi jirriżulta li l-akkużat kien impjegat bħala *spa trainee* ma' Maritim Antonine Hotel & Spa. Il-vittma kienet ibbukjat *massage* f'dan l-iSpa u l-akkużat kien il-masseur taghha. Waqt li beda jwettaq il-massage, l-akkużat beda jmiss sider il-vittma. Hi ma ħassithiex komda imma ħasbet li parti mill-massage. Ftit wara, però, l-akkużat beda jmissilha l-parti privata tagħha u meta saqsietu għalfejn kien għamel hekk, qal li dan kien message speċjali għaliha. Hi talbitu jieqaf milli jmiss dik il-parti u hu waqaf mal-ewwel, però mbagħad kompla jimmassaġġalha dahra u għonqa b'mod goff.

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti ser tqis li dan kien inċident waħdieni fis-sens li l-akkużat qatt ma kiser il-liġi kemm ilu hawn f'Malta. Il-Qorti ser tqis ukoll li minkejja li l-akkużat wettaq atti ta' natura sesswali fuq il-vittma, hu waqaf mal-ewwel hekk kif hi staqsietu u ma kompliex jippersisti magħha.

Il-Qorti tqis fiċ-ċirkostanzi li piena karċerarja m'hijiex idonea u għalkemm il-piena inflitta għandha tirrifletti is-serjetà tar-reati kommessi mill-akkużat, ikun aktar ta' ġid għall-akkużat li jibbenefika minn superviżjoni ta' uffiċjal tal-*probation* biex kwalunkwe diffikultà li għandu tkun tista' tiġi radrizzata.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikolu 207 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu qed issib lill-istess **Harikrishna Manhasseri <u>ħati</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u, wara li rat l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta qed tqiegħed lill-akkużat Harikrishna Manhasseri taħt Ordni ta' Probation għal perijodu ta' sentejn (2) mil-lum, taħt dawk it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet relattiv maħruġ illum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

Il-Qorti spjegat lill-akkużat, ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta fi kliem ordinarju, l-import ta' din is-sentenza, u x'jiġri jekk jikkommetti reat ieħor fi żmien sentejn (2) jew jekk ma joqgħodx għall-ordnijiet lilu mogħtija.

Illi a tenur tal-artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti qed toħroġ Ordni tat-Trażżin fil-konfront tal-akkużat a favur ta' Taliya Stevens, għal żmien sentejn (2) mil-lum.

Il-Qorti spjegat ukoll lill-akkużat, fi kliem ordinarju, il-kosegwenzi maħsuba fl-Artikolu 382A(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta fl-eventwalità li mingħajr skuża raġonevoli jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu bl-Ordni tat-Trażżin.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Esperti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni bbażata fuq l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijietta' Malta

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta' din is-sentenza, lid-Direttur tal-Uffiċju tal-Probation u lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Registratur**